**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2015/2118(INI)**

11.4.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu minn perspettiva tal-ġeneru
(2015/2118(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Malin Björk



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989;

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti riżultanti sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing +5, Beijing +10 u Beijing +15 u l-konferenza ta' reviżjoni Beijing +20,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

A. billi matul il-perjodu ta' tliet snin 2010-2012, 69 % tal-vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin (TB) ġew traffikati għall-isfruttament sesswali, 19 % għax-xogħol furzat, u 12 % għal forom oħra ta' sfruttament bħalma huma t-tneħħija ta' organi jew attivitajiet kriminali; billi n-nisa jammontaw għal 67 % tal-vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin f'dan il-perjodu, l-irġiel jammontaw għal 17 %, il-bniet għal 13 % u s-subien għal 3 %, inklużi l-persuni transġeneri; billi forom differenti ta' traffikar jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' miżuri ta' politika speċifiċi u mfassla apposta;

B. billi, kif iddikjarat mill-Kummentarju Konġunt tan-NU dwar id-Direttiva tal-UE – Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem (2011), diversi aġenziji tan-NU jfakkru li "għandu jiġi rikonoxxut it-traffikar kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, u għandhom jiġu indirizzati s-similaritajiet u d-differenzi fl-esperjenzi tan-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-vulnerabbiltajiet u l-vjolenzi";

C. billi t-traffikar tal-bnedmin huwa tip modern ta' skjavitù li ma jistax jiġi aċċettat f'soċjetà li hija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi t-traffikar tal-bnedmin huwa ta' natura transnazzjonali; billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew, kemm fil-monitoraġġ tal-fenonmenu kif ukoll fl-ikkoordinar tat-tweġibiet għalih, biex dan it-tip ta' kriminalità organizzata jiġi indirizzat b'mod determinat u effettiv;

D. billi d-Direttiva 2011/36/UE tippenalizza l-atti intenzjonati li ġejjin: ir-reklutaġġ, it-

trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dawk il-persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, ta' abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew ta' għoti jew ta' riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament. billi r-rapport fuq inizjattiva proprja li fuqu hija bbażata din l-opinjoni huwa limitat għal analiżi tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE;

E. billi kwalunkwe sforz effettiv kontra t-traffikar tal-bnedmin jeħtieġ li jindirizza l-kawżi ewlenin tat-traffikar tal-bnedmin u l-fatturi ta' spinta u ta' attrazzjoni assoċjati, inkluż it-tnaqqis tad-domanda u l-użu ta' servizzi li jinvolvu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

F. billi d-domanda għal nisa, bniet, irġiel u subien fl-industriji tal-prostituzzjoni hija fattur ta' attrazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali; u billi d-domanda għal xogħol irħis u l-inkapaċità li jiġu difiżi d-drittijiet tax-xogħol huma fatturi ta' attrazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament ta' ħaddiema;

G. billi hemm kontradizzjonijiet bejn id-Direttivi 2004/81/KE u 2009/52/KE u d-Direttiva 2011/36/UE li jipprevjenu lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin milli jkollhom aċċess għal appoġġ u għajnuna xierqa li huma non-kondizzjonali fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fi proċedimenti legali;

H. billi l-identifikazzjoni tal-vittmi tibqa' sfida, u billi, sabiex il-vittmi tat-traffikar jiġu megħjuna u t-traffikanti jittellgħu l-qorti u jiġu kkundannati, l-appoġġ u l-protezzjoni lill-vittmi jeħtieġ li jiġu msaħħa inkluż id-dritt tal-vittma li tgħix u taħdem legalment fl-Istat Membru li l-vittma tkun ġiet ittraffikata fih, kif ukoll jittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u l-kumpens;

I. billi l-isfruttament ta' persuni oħra għal spettakli sesswali għandu jiġi kkunsidrat bħala traffikar tal-bnedmin;

J. billi t-teknoloġiji l-ġodda u l-Internet jistgħu jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-vittmi u r-reklamar u l-bejgħ ta' servizzi marbuta mat-traffikar tal-bnedmin fuq skala dinjija;

K. billi sforzi effettivi kontra t-traffikar tal-bnedmin jeħtieġu qafas b'saħħtu għal azzjoni b'perspettiva intersezzjonali integrata fuq il-vittmi li tinkludi pereżempju l-ġeneru u d-diżabilità, u billi għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk in-nies li jgħixu f'faqar estrem, u lill-gruppi vulnerabbli bħalma huma r-Rom, il-persuni b'diżabilità, il-persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema mingħajr dokumenti, dawk li jfittxu l-asil, ir-rifuġjati u t-tfal, inklużi l-minorenni mhux akkumpanjati;

L. billi n-nisa u t-tfal jistgħu jiġu mġiegħla jiskambjaw is-sess għall-protezzjoni, sabiex jibqgħu ħajjin, bil-għan li javvanzaw tul ir-rotta migratorja tagħhom u għal sussistenza bażika; Is-sess għas-sopravivenza huwa spiss konsegwenza diretta tal-lakuni fl-assistenza, in-nuqqasijiet tas-sistemi ta' reġistrazzjoni, is-separazzjonijiet tal-familja,u n-nuqqas ta' modi ta' dħul sikuri u legali fl-UE;

1. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-implimentazzjoni tad-Direttiva hija bbażata fuq approċċ integrat, olistiku u tad-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi fuq l-

assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni għall-vittmi;

2. Jisħaq li l-faċilitazzjoni klandestina tal-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin huma fenomeni differenti iżda li spiss jeżistu flimkien u jeħtieġ li jiġu indirizzati b'determinazzjoni b'mod konsistenti; ifakkar fir-rwol tal-aġenziji u n-netwerks tal-UE fl-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi fil-fruntieri tal-UE u fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jinsisti għalhekk fuq il-ħtieġa li jkun hemm skambju aħjar tal-aqwa prattiki, taħriġ adegwat għall-persunal tal-infurzar tal-liġi dwar it-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi fuq id-dimensjoni tal-ġeneru u l-ħtiġijiet speċjali tan-nisa, it-tfal u gruppi vulnerabbli oħra traffikati sabiex dawk involuti jifhmu bis-sħiħ il-fenomenu li qed ifittxu li jindirizzaw b'mod determinat u jkunu jafu kif jirrikonoxxuh fi stadju bikri, u kooperazzjoni akbar bejn l-Europol, l-Eurojust, l-awtoritajiet nazzjonali u l-pajjiżi terzi, u permezz tal-użu ta' sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), bil-għan li tiġi pprevenuta u kkumbattuta kull forma ta' traffikar tal-bnedmin, inkluż l-isfruttament sesswali fl-UE;

3. Jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw fl-iżviluppar aħjar ta' linji gwida dwar l-identifikazzjoni ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, li għandhom jgħinu lis-servizzi konsulari u l-gwardi fil-fruntieri f'dan il-kompitu;

4. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-gruppi vulnerabbli, li naturalment jinkludu t-tfal; itenni li l-Istati Membri għandhom iqisu l-faqar, il-ġeneru, id-diżabilità, it-tqala, l-istat tas-saħħa, l-istatus ta' migrazzjoni u l-fatt ta' appartenenza għal minoranza etnika bħala fatturi meta tkun qed issir il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà ta' vittma;

5. Iqis li għandha tingħata kunsiderazzjoni ikbar lis-sitwazzjoni tal-vittmi transġeneri, li spiss jesperjenzaw diskriminazzjoni, stigmatizzazzjoni u theddid ta' vjolenza minħabba l-identità tal-ġeneru tagħhom; huwa tal-opinjoni li l-persuni transġeneri għandhom jitqiesu bħala grupp vulnerabbli, għax jinsabu partikolarment f'riskju li jaqgħu f'idejn it-traffikanti li jfittxu li jisfruttaw id-disprament tagħhom; jemmen li dan il-fattur ta' vulnerabbiltà għandu jitqies meta l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju individwali, sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tat-traffikar jirċievu protezzjoni u kura xierqa; jistieden lill-Istati Membri biex lill-uffiċjali li x'aktarx jidħlu f'kuntatt mal-vittmi jew mal-vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin jipprovdulhom taħriġ adegwat dwar l-ispeċifiċitajiet tal-vittmi transġeneri, sabiex ikunu kapaċi jidentifikawhom b'mod iktar proattiv u jadattaw is-servizzi ta' assistenza biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom;

6. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu l-impunità, jikkriminalizzaw it-traffikar u jiżguraw li l-awturi tar-reati jittellgħu l-qorti u li s-sanzjonijiet jissaħħu; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri jirratifikaw l-istrumenti, il-ftehimiet u l-obbligi legali internazzjonali rilevanti kollha li se jagħmlu l-isforz għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bniedem aktar effettiv, koordinat u koerenti, inkluża l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin;

7. Jistieden lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet intergovernattivi jiżguraw li l-interventi tagħhom jindirizzaw il-fatturi li jżidu l-vulnerabbiltà għat-traffikar, inklużi l-inugwaljanza, il-faqar u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni;

8. Jistieden lill-Istati Membri jaċċeleraw l-infurzar sħiħ u korrett tad-Direttiva 2011/36/UE

dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;

9. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu pieni kriminali qawwija għad-delitti tat-traffikar tal-bnedmin, l-iskjavitù moderna u l-isfruttament; u jistabbilixxu bħala reat kriminali l-att li wieħed konxjament juża s-servizzi ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi vittmi tat-traffikar fil-prostituzzjoni, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inklużi s-sisija, l-iskjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali jew it-teħid ta' organi; jinnota n-numru baxx ta' prosekuzzjonijiet u kundanni għad-delitt tat-traffikar fil-livell nazzjonali;

10. Jitlob li jingħataw aktar prijorità u riżorsi lill-Europol u lill-forzi tal-pulizija nazzjonali biex jittellgħu l-qorti dawk li jiffaċilitaw it-traffikar tal-bnedmin, b'attenzjoni speċjali għas-sensibilizzazzjoni fost il-forzi tal-pulizija kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar forom ġodda ta' traffikar tal-bnedmin;

11. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw miżuri konkreti biex titnaqqas id-domanda għan-nisa, bniet, irġiel, u subien fil-prostituzzjoni bħala strateġija ewlenija biex jiġi pprevjenut u mnaqqas it-traffikar tal-bnedmin; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jimplimentaw bis-sħiħ l-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 2011/36/UE, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrapporta lura dwar l-eżitu;

12. Jenfasizza li l-effett kumulattiv tat-tipi differenti ta' diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru jagħmel lill-persuni LGBTI partikolarment vulnerabbli għat-traffikar tal-bnedmin; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet uniċi tal-persuni LGBTI; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward;

13. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu hotlines (linji diretti) fejn il-vittmi tat-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin ikunu jistgħu jċemplu biex ifittxu assistenza u pariri; jinnota li tali hotlines kienu ta' suċċess f'oqsma oħra bħar-radikalizzazzjoni u l-ħtif tat-tfal;

14. Jistieden lill-Istati Membri jqegħdu l-għajnuna legali għad-dispożizzjoni tal-vittmi tat-traffikar mhux biss fi proċedimenti kriminali, iżda wkoll fi proċedimenti ċivili, tax-xogħol jew tal-immigrazzjoni/l-asil li jkunu involuti fihom;

15. Jenfasizza li ż-żwieġ furzat jista' jiġi meqjus bħala sura ta' traffikar tal-bnedmin jekk ikun fih element ta' sfruttament tal-vittma, u jappella lill-Istati Membri kollha jinkludu din id-dimensjoni; jenfasizza li l-isfruttament jista' jkun sesswali (stupru konjugali, prostituzzjoni u pornografija furzati) jew ekonomiku (xogħol domestiku u sisija furzata) u li ż-żwieġ furzat jista' jkun il-għan finali tat-traffikar (il-bejgħ tal-vittma bħala mara miżżewġa jew l-ikkuntrattar taż-żwieġ b'theddid); jenfasizza li huwa diffiċli għall-awtoritajiet biex jidentifikaw dan it-tip ta' traffikar, peress li jsir fil-privat; jitlob lill-Istati Membri biex lil dawn il-vittmi jipprovdulhom servizzi ta' rifuġju xierqa; jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward;

16. Jinsab imħasseb dwar il-fenomenu dejjem jikber tas-solleċitazzjoni sesswali; jirrimarka li l-vittmi spiss jinsabu f'sitwazzjoni ta' dipendenza emozzjonali b'riżultat li x-xogħol investigattiv jiġi mxekkel minħabba li mhux faċli jiġu identifikati bħala vittmi tat-traffikar

tal-bnedmin u spiss jirrifjutaw li jixhdu kontra l-n-nies li jkunu qed jissolleċitawhom sesswalment; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu rifuġju speċifiku għal dawn il-vittmi u jiżguraw li s-servizzi tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jirrikonoxxu l-istatus tagħhom ta' vittmi, u dan b'mod partikolari jekk huma minuri, sabiex jiġi evitat li jiġu stigmatizzati għal "imġiba devjanti";

17. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali dwar it-traffikar tal-bnedmin tul rotot magħrufa, bħal mil-Lvant lejn l-UE, permezz tal-użu tal-Istrument għall-Istabbiltà u r-responsabbiltà kontinwa li għaddejja tal-pajjiżi kandidati;

18. Jenfasizza li bosta vittmi ta' sfruttament sesswali jiġu ddrogati bil-għan li jinżammu fi stat ta' dipendenza fiżika u psikoloġika; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jipprovdu programmi ta' appoġġ speċjalizzati għal dawn il-vittmi u jirrikonoxxu dan l-element bħala ċirkustanza aggravanti fir-reazzjoni tagħhom ta' piena kriminali għat-traffikar tal-bnedmin;

19. Jitlob li l-Istati Membri u l-UE jiġbru u jiskambjaw informazzjoni affidabbli u dettaljata dwar it-traffikar tal-bnedmin;

20. Ifakkar li r-Regolament (UE) 2015/2219 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) jiddisponi li s-CEPOL, fl-attivitajiet ta' taħriġ tagħha, għandha tippromwovi l-fehim u r-rispett komuni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi, bħalma huma d-drittijiet tal-vittmi kif ukoll l-appoġġ u l-protezzjoni ta' dawn il-persuni, inkluża s-salvagwardja tad-drittijiet tal-vittmi ta' vjolenzi marbuta mal-ġeneru; jenfasizza l-importanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest tat-traffikar tal-bnedmin minħabba l-vulnerabbiltà tal-vittmi, u jitlob lis-CEPOL tqis din id-dimensjoni b'mod sħiħ fl-iżvilupp ta' kull taħriġ fil-ġejjieni;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin billi jrażżnu lil dawk l-individwi li jużaw l-internet u n-netwerks soċjali biex jirreklutaw u jisfruttaw lil individwi;

22. Jinnota li d-Direttiva 2011/36/UE tipprojbixxi l-kriminalizzazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin; jistieden lill-Istati Membri, fid-dawl tan-natura transkonfinali u intra-UE tat-traffikar tal-bnedmin, jimplimentaw bis-sħiħ l-Artikoli 11 sa 17 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (b'mod partikolari billi jżidu n-numru ta' rifuġji għall-vittmi u billi jsaħħu l-programmi għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi fis-soċjetà) u jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità biex jiżguraw konsistenza u appoġġ u assistenza xierqa, inkluż fir-rigward tad-dritt ta' residenza fl-Istat Membru li fih il-vittma tkun ġiet ittraffikata u l-aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dan l-istess Stat Membru; jenfasizza li dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx ikunu kundizzjonali fuq il-fatt li l-vittmi jressqu ilmenti jew li jikkooperaw f'investigazzjonijiet kriminali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-protezzjoni tal-vittmi;

23. Jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod kritiku r-reġistrazzjoni tagħhom tar-rifuġjati u s-servizzi u l-istrutturi tal-kura rilevanti peress li dan il-grupp, b'mod partikolari l-minuri mhux akkumpanjati, huma vulnerabbli ħafna għall-isfruttament minn gruppi kriminali u

sussegwenti għat-traffikar tal-bnedmin;

24. Ifakkar li, skont l-Europol, madwar 10 000 minuri mhux akkumpanjati sparixxew wara l-wasla tagħhom fl-UE fl-2015 u li dawn it-tfal jistgħu jkunu vittmi ta' traffikar u esposti għal kull tip ta' sfruttament u abbuż; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-pakkett tal-asil u jirreġistraw lit-tfal mal-wasla tagħhom sabiex jiżguraw l-inklużjoni tagħhom fis-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jipproteġu aħjar lit-tfal migranti fl-Ewropa;

25. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiggarantixxu b'mod effikaċi d-drittijiet tal-vittmi, b'mod partikolari billi jipprovdu aċċess għall-għajnuna legali, assistenza u rappreżentanza legali, appoġġ psikoloġiku u mediku, informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom għall-assistenza u l-kura tas-saħħa, inkluż id-dritt għall-abort għall-vittmi ta' sfruttament sesswali, id-drittijiet tagħhom rigward l-aċċess għall-ġustizzja u għal avukat, u kwalunkwe kumpens possibbli kif ukoll l-aċċess possibbli għal programmi ta' protezzjoni tax-xhieda; jinnota li d-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u li l-analiżi tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE għandha ssir fid-dwal tad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE; jinnota li jistgħu jiġu stabbiliti wkoll miżuri speċjali għall-protezzjoni tal-vittmi minn vittimizzazzjoni u trawma ulterjuri matul l-investigazzjonijiet u l-proċessi ġudizzjarji;

26. Jisħaq li l-prevenzjoni f'dawk li huma t-teħid ta' miżuri xierqa, bħalma huma l-edukazzjoni u t-taħriġ, biex tiġi skoraġġuta u mnaqqsa d-domanda, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, inkluż dwar l-iskjavitù moderna, ir-riċerka u l-programmi edukattivi, immirati lejn it-tnaqqis tar-riskju tal-persuni milli jsiru vittmi tat-traffikar, hija ta' importanza kruċjali għall-ġlieda effettiva kontra t-traffikar tal-bnedmin; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jieħdu azzjonijiet immirati biex jiskoraġġixxu d-domanda għat-traffikar tal-bnedmin; jistieden ukoll lill-Istati Membri jistabbilixxu pieni aktar ħorox kontra l-bosta impjegaturi u sidien il-kera li jiffaċilitaw it-traffikar tal-bnedmin billi jkomplu jisfruttaw lill-individwi; jitlob li l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jsaħħu wkoll il-kooperazzjoni tagħhom mal-ispetturi tax-xogħol, l-ispetturi soċjali, dawk tas-saħħa u dawk tas-sikurezza, kif ukoll mal-ispetturi tas-sajd;

27. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jenfasizza l-importanza tal-iskambju sistematiku ta' data u l-importanza li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għall-bażijiet ta' data Ewropej użati għal dan il-għan, inklużi l-bażijiet ta' data tal-Europol Focal Point Phoenix u Focal Point Twins; jenfasizza l-ħtieġa li l-gwardji tal-fruntieri u l-gwardji kostali jkollhom aċċess għall-bażijiet ta' data tal-Europol;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga aktar, fid-dawl tad-Direttiva 2011/36/UE, ir-rwol tal-Internet, tan-netwerks soċjali u tat-teknoloġiji ġodda fit-traffikar tal-bnedmin, inkluż b'mod partikolari fir-rigward tal-isfruttament sesswali fuq is-siti web pornografiċi u fuq is-siti web li joffru spettakli sesswali online;

29. Jistieden lill-Europol u lill-Istati Membri jsaħħu l-azzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra r-reklutanti kemm jekk permezz ta' approċċ proattiv jew abbażi tax-xhieda ta' vittma skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/36/UE; jenfasizza li r-reklutanti jużaw varjetà ta' mezzi,

inklużi n-netwerks soċjali u s-siti tal-internet (aġenziji ta' reklutaġġ online); jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tespandi l-mandat tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (IRU) tal-UE, tal-Europol, fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sħubija privileġġjata mal-kumpaniji maġġuri tal-Internet u żżomm lill-Parlament Ewropew debitament infurmat;

31. Jitlob implimentazzjoni u monitoraġġ aħjar tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/36/EU, bil-għan li jiġu żgurati n-non-prosekuzzjoni u n-non-applikazzjoni tas-sanzjonijiet jew il-pieni għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, u jenfasizza li dan jinkludi n-non-applikazzjoni ta' sanzjonijiet għall-persuni li jinsabu fil-prostituzzjoni u li ma jingħatawx pieni għal dħul jew residenza irregolari fil-pajjiżi ta' transitu u ta' destinazzjoni;

32. Jisħaq fuq l-importanza tas-"segwitu tal-flus" bħala strateġija ewlenija għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tan-netwerks tal-kriminalità organizzata li jagħmlu profitt mit-traffikar tal-bnedmin, u jistieden lill-Europol u l-Eurojust isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-Europol u bejniethom bil-għan li jinvestigaw l-aspetti finanzjarji u l-ħasil tal-flus fil-każijiet tat-traffikar tal-bnedmin; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fl-iffriżar u l-ikkonfiskar tal-assi tal-individwi involuti fit-traffikar, peress li dan jista' jkun mezz effettiv biex jibdlu t-traffikar tal-bnedmin minn negozju "ta' riskju baxx u profitt kbir" għal wieħed "ta' riskju għoli u profitt żgħir"; jistieden lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jużaw b'mod aktar effiċjenti l-għodda eżistenti kollha disponibbli bħalma huma l-għarfien reċiproku tas-sentenzi tal-qrati, l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta u l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew; jemmen li l-assi kkonfiskati tal-persuni misjuba ħatja ta' reati ta' traffikar għandhom jintużaw biex jappoġġjaw u jikkumpensaw lill-vittmi tat-traffikar; jinnota wkoll li l-fondi enormi miġbura mit-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin jiffinanzjaw tipi oħra ta' kriminalità serja;

33. Iqis li l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2011/36/KE għandu jiġi estiż sabiex jintroduċi għajnuniet maħsuba għall-integrazzjoni futura (tagħlim tal-lingwa, familjarizzazzjoni mal-kultura u l-komunità, eċċ.) fejn iċ-ċirkostanzi tal-vittmi jippermettulhom jagħżlu li jieħdu permess ta' residenza;

34. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-Europol u l-Eurojust, inklużi l-iskambju tal-informazzjoni u l-ġlieda kontra r-reklutaġġ ta' persuni permezz tal-internet għat-traffikar tal-bnedmin;

35 Jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva 2011/36/KE, kif ukoll l-oqfsa ġuridiċi rilevanti l-oħra kollha dwar it-traffikar tal-bnedmin, mingħajr ebda dewmien; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni legali kontra l-Istati Membri li jittraskuraw l-obbligi tagħhom;

36. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-individwi li jaħdmu biex jipproteġu u jgħinu lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ma għandhom jinżammu responsabbli għall-ebda reat;

37. Jistieden lill-Istati Membri jedukaw liċ-ċittadini tagħhom dwar it-traffikar tal-bnedmin u l-identifikazzjoni tal-vittmi permezz ta' kampanji ta' informazzjoni; jitlob li l-Istati Membri u l-UE jimmiraw finanzjament għall-NGOs li jappoġġjaw lill-vittmi tat-traffikar tal-

bnedmin;

38. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina kif l-approċċi differenti għall-prostituzzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jaffettwaw it-traffikar tal-bnedmin;

39. Jitlob li l-UE tagħmel viżibbli u tagħti attenzjoni lill-forom ġodda ta' traffikar u sfruttament tal-bnedmin, inklużi l-isfruttament riproduttiv u t-traffikar tat-trabi tat-twelid;

40. Jitlob għal approċċ konsistenti għall-prosekuzzjoni ta' reati marbuta mat-traffikar tal-bnedmin, u jitlob lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom; jitlob, f'dak ir-rigward, li l-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni transfruntiera mal-aġenziji rilevanti tal-UE;

41. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu l-prinċipju tan-non-refoulement fid-direttivi tagħhom ta' kontra t-traffikar, fuq l-eżempju tal-Protokoll tan-NU dwar it-Traffikar u l-Konvenzjoni dwar it-Traffikar tal-Kunsill tal-Ewropa u skont l-obbligi tal-istati taħt id-dritt internazzjonali dwar ir-rifuġjati u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

42. Ifakkar li t-taħriġ tal-professjonisti u l-uffiċjali huwa kruċjali għall-identifikazzjoni bikrija ta' vittmi potenzjali u l-prevenzjoni tar-reati; jistieden għaldaqstant lill-Istati Membri japplikaw bis-sħiħ l-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 2011/36/UE u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-mandat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew futur sabiex jinkludi setgħat, ladarba jiġi stabbilit, biex it-traffikar tal-bnedmin jiġi indirizzat b'mod determinat;

44. Jitlob li l-UE tipprovdi, permezz tal-Eurostat, stimi dwar in-numru ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, reġistrati jew xort' oħra, f'konformità mal-mudell ġenerali segwit minn organizzazzjonijiet bħalma huma l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);

45. Jitlob kollaborazzjoni iktar b'saħħitha mal-pjattaformi online fuq proġetti mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji li persuna tkun fil-mira u tiġi rreklutata permezz tal-internet u ta' netwerks soċjali;

46. Iqis li l-migranti huma partikolarment vulnerabbli għat-traffikar, speċjalment it-tfal; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni, inkluż fil-hotspots, biex jiġu identifikati vittmi potenzjali u fil-ġlieda kontra t-traffikanti u l-kutrabandisti; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu attenzjoni speċjali lill-vittmi tat-traffikar li huma tfal, inklużi minuri mhux akkumpanjati li jiġu minn pajjiżi terzi, u jipprovdu protezzjoni speċjali lit-tfal fil-proċeduri kriminali – l-aħjar interessi tal-minuri għandhom jitqiesu tal-ikbar importanza f'kull ħin (l-Artikoli 13, 14, 15 u 16);

47. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jmexxu riċerka dwar l-iktar tendenzi u forom ġodda ta' traffikar tal-bnedmin, inkluża l-influwenza li jista' jkollha fuq t-traffikar tal-bnedmin il-kriżi migratorja attwali, bil-għan li l-iżviluppi l-ġodda jiġu indirizzati b'rispons adegwat u mmirat;

48. Iqis li modi sikuri u legali ta' dħul fl-UE jnaqqsu l-vulnerabbiltà u t-traffikar tal-bnedmin;

49. Japprezza l-ħidma tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar, li hu responsabbli mit-titjib tal-koordinazzjoni u l-koerenza fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri u l-atturi internazzjonali u għall-iżvilupp ta' politiki tal-UE eżistenti u ġodda biex jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin; huwa tal-fehma, madankollu, li sabiex tiġi aċċelerata r-reazzjoni tal-UE għat-traffikar tal-bnedmin, il-mandat tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar jista' jiġi estiż.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.4.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 1<br>0: 18 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Philipp Albrecht, Malin Björk, Michał Boni, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Monika Flašíková Beňová, Kinga Gál, Sylvie Guillaume, Jussi Halla-aho, Monika Hohlmeier, Sophia in 't Veld, Eva Joly, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Timothy Kirkhope, Barbara Kudrycka, Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Monica Macovei, Claude Moraes, Péter Niedermüller, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Branislav Škripek, Csaba Sógor, Traian Ungureanu, Kristina Winberg, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Carlos Coelho, Pál Csáky, Miriam Dalli, Daniel Dalton, Gérard Deprez, Anna Hedh, Jean Lambert, Jeroen Lenaers, Andrejs Mamikins, Morten Helveg Petersen, Emil Radev, Barbara Spinelli, Jaromír Štětina, Elissavet Vozemberg-Vrionidi |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Petras Auštrevičius, Herbert Dorfmann, José Inácio Faria, Eugen Freund, David McAllister, Marita Ulvskog |